



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Frar 2020
(OR. en)

5687/20

ECOFIN 41
UEM 17
SOC 38
EMPL 28
COMPET 22
ENV 49
EDUC 23
RECH 20
ENER 15
JAI 80

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	ABBOZZ ta' Nota ta' spjegazzjoni - Dokument ta' akkumpanjament għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2020

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża hawn il-verżjoni ta' wara l-Komitat Ekonomiku u Finanzjarju u l-Grupp ta' Ħidma tal-Grupp tal-Euro tal-abbozz ta' Nota ta' spjegazzjoni li takkumpanja r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

ABBOZZ

Nota ta' spjegazzjoni

- Dokument ta' akkumpanjament għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill

dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2020

L-Artikolu 2ab)(2) tar-Regolament 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika, li jagħmel parti mit-taqsima "Djalogu ekonomiku", jistipula li "*Il-Kunsill mistenni, bħala regola, isegwi r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu pubblikament*".

Fir-rigward tar-"regola kkonforma jew spjega", il-Kunsill b'dan jippreżenta l-isjegazzjonijiet li ġejjin għall-bidliet maqbula għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2020 u li l-Kummissjoni ma taqbilx magħha.

Il-Kunsill (Ecofin) qabel ukoll ma' għadd ta' żidiet kif ukoll bidliet fattwali jew tekniċi għar-rakkomandazzjonijiet, bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni.

RĠE 5

Test tal-Kummissjoni:

L-Unjoni Ekonomika u Monetarja kif ukoll ir-responsabbiltà demokratika marbuta magħha għandhom jiġu approfonditi u msaħħa b'rispett sħiħ tas-suq intern tal-Unjoni u b'mod miftuħ u trasparenti fil-konfront ta' Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro.

Test maqbul:

Il-progress f'dan il-qasam ser itejjeb ukoll ir-rwol internazzjonali tal-euro u jipproġetta l-interessi ekonomiċi tal-Ewropa globalment, u għandu jirrispetta bis-sħiħ is-suq intern tal-Unjoni u jiġi segwit b'mod miftuħ u trasparenti lejn Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro.

Spjegazzjoni:

L-arranġamenti ta' responsabbiltà demokratika huma bbażati fuq id-dispożizzjonijiet tat-trattat u l-leġislazzjoni sekondarja u huma kkomplementati minn djalogu regolari mal-Parlament Ewropew.